**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 181/2020 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfredo Mangion)**
**vs**
**Amber Ann Zammit**

**Illum 6 ta' Novembru, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Amber Ann Zammit, u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 284695M.

Akkuzata talli nhar is-6 ta' Mejju, 2020 ghall-habta ta' nofsinhar (12:00 hrs) minn gewwa l-istabbiliment Intersport fi Triq l-Iljun, Hal Qormi u f'dawn il-gzejjer:

1. Ikkommettiet serq ta' diversi hwejjeg, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda mhux aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Time International Ltd. u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 6 ta' Novembru, 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputata, fedina penali ta' l-imputata, dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali, stqarrija

rilaxxjata mill-imputata fis-6 ta' Mejju, 2020, okkorrenza datata 6 ta' Mejju, 2020, kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar is-6 ta' Novembru, 2020.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk trid, tista' terga' lura minnha u fil-fatt hija regghet tenniet l-istess ammissjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena mill-partijiet.

**Ikkunsidrat:**
Il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-piena, l-ammissjoni cara u inekwivoka u bikrija tal-imputata.

**Decide:**
Il-Qorti ghalhekk fuq ammissjoni tal-imputata stess **Amber Ann Zammit** u wara li rat l-Artikoli 261, 267 u 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata **Amber Ann Zammit** hatja tal-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha, tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmel l-ebda reat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**